MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 580/2004

**Christopher Borg
vs
Dr. Colin Gambin u martu Claire Gambin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Marzu, 2004, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u disgha u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm969.50) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ta' tqeghid ta' katusi, kiri ta' swimming pool, ghoti ta' konkos, thaffir u xoghol iehor relatat li sar mill-attur b'inkarigu tal-konvenuti fil-fond taghhom fl-Ibragg.**
**U billi l-konvenuti minkejja interpellati biex ihallsu diversi drabi baqghu inadempjenti.**
**Ghalhekk talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' disa' mija u disgha u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm969.50) dovuti kif hawn fuq spjegat, u dan prevja**

**d-dikjarazzjoni li l-istess konvenuti huma debituri tal-attur fl-ammont indikat.**
**Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fl-24 ta' Mejju, 2004 fejn intqal:**
**i. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-ammont mitlub minnu m'huwiex dovut fl-intier tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**ii. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jgib il-prova tal-quantum irreklamat minnu.**
**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.**

**Ra li b'digriet tal-14 ta' Jannar, 2005, it-Tribunal hatar bhala Espert Tekniku lill-Perit Arkitettt Patrick Camilleri, a spejjez provizorjament tal-attur. Ra li l-Espert Tekniku hale fir-rapport fit-2 ta' Gunju, 2005.**

**Semgha x-xhieda ta' Christopher Borg, Emmanuel Sammut, Dr. Colin Gambin, il-Perit Dieter Falzon, l-Espert Tekniku il-Perit Patrick Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-attur qed jitlob hlas ghal xoghol ta' tqieghid ta' katusi, kisi ta' swimming pool, ghoti tal-konkos, thaffir u xoghol iehor, fil-fond tal-konvenut fl-Ibragg. Il-konvenut qed jghid li l-ammont mhux dovut fl-intier tieghu.**
**2. L-attur esebixxa dik li hu jsejjah skrittura, Dok A, iffirmata mill-partijiet dwar ix-xoghol li kellu jsir. Skond l-attur il-kisi tal-pool kien jiswa Lm700.00; il-konkos tal-pool Lm90.00; katusi b' Lm2.50c il-pied; konkos tal-katusi Lm2.00 liri l-pied; ramel u zrar Lm22.00 u Lm24.00; u il-fittings tal-pool Lm4.00.**

**3. L-attur esebixxa kont dettaljat bil-kejl Dok B, jghid illi hu u Emanuel Sammut, impjegat mieghu, hadu l-qisien minn fuq il-pjanta Dok C, u dan fil-presenza tal-konvenut. Il-kont hargu a bazi tal-pjanta u gie Lm969.50c.**
**4. L-attur jikkonferma li c-cement xtrah il-konvenut.**
**5. Skond Emanuel Sammut il-ftehim dwar il-konkos kien ta' Lm2.50c il-pied jimxi ghal katusi u jhallsu l-attur; u dwar il-konkos l-iehor ftehmu Lm2.00 il-pied jimxi, pero' jhallas il-konvenut.**
**6. Il-konvenut jghid illi ftiehem mal-attur biex jaghmilhu l-plastering tal-pool u l-over flowgutter. Innota illi l-kisi kien jiswa' Lm700.00. Innota wkoll dwar il-gutter li kienu ftehmu fuq l-bazi ta' Lm2.00 il-pied u tela kont ta' Lm380.00. Qal ukoll illi ghamel drains tal-pool u tad-dar ghal l-ilma tax-xita. Skond il-konvenut ir-rati jinkludu thaffir u xoghol neccessarju**
**7. Il-konvenut jilmenta li l-pool bdiet titlef l-ilma. Gab lil Perit Dieter Falzon biex jivverifika u stieden lill-attur biex jara, pero' jghid li l-attur kien irrifjuta li jmur. Skond il-konvenut leak kien mill-gutter.**
**8. Il-Perit Falzon indika li l-problemi li kien indikalu l-konvenut kienu jirrigwardaw mhux biss il-fatt li l-pool kienet titlef l-ilma izda wkoll l-ammont ta' pajpijiet li ntuzaw.**
**9. Jirrizulta minn pressure testing illi sar li ma kienx hemm leak mill-pajpijiet, filwaqt illi kien hemm leak minn fejn hemm il-gutter.**
**10. It-Tribunal hass il-htiega li jinnomina espert Arkitett dwar din il-kwistjoni, liema espert halef ir-rapport tieghu fit-2 ta' Gunju, 2005. Fil-konkluzjoni tieghu l-Perit Arkitett jindika illi:**
**"a) il-kejl tal-katusi kif sar waqt l-access ghandu jittiehed bhala l-kejl deffenittiv billi sar fil-presenza u bi bqil bejn iz-zewg partijiet.**
**b) Fil-kaz tal-pool, ma jidhirlix illi kienu jezistu diffetti fil-kisi tal-gutter li setghu jikkagunaw telf ta' ilma kif deskritt mill-konvenut.**
**It-telf tal-ilma deskritt jista jigi kkagunat minn problemi ohrajn li, bl-investigazzjonijiet li saru sa issa, ma jistghux jigu eskluzi."**

**11. It-Tribunal, jhoss illi ma ghandu xejn x'jikkumenta fil-konfront dettaljat u studjat tal-abbli Perit Tekniku. Ghandu jinghad ukoll illi meta l-Perit gie eskuss, hu spjega illi l-ilma ma kienx qed jintilef minn diefetti fil-kisi tal-gutter. Innota wkoll illi jezistu check valves u jekk ikun hemm difett fihom meta l-pompi tal-pool jintfew jista' jkun li l-ilma jinzel. Innota wkoll illi meta l-ilma jkun qed ifur ghal gol-gutter, din tkun kwantita zghira tant illi l-gutter ma jinteliex sa fuq.**

**12. Tenut kont ta' dan wiehed jinnota illi ma jistghax jinghad ghalhekk illi kien hemm diffett fil-gutter jew xoghol hazin fuqu. Pero' ghal dak li huma l-katusi jirrizulta illi filwaqt li l-attur kien qed jghid illi katusi mal-hitan kien hemm 104 piedi, lill-Perit Tekniku rrizultalu 113.09 piedi; filwaqt illi dwar il-katusi mdawrin bil-konkos, filwaqt illi l-attur jghid illi kien hemm 529.80 piedi, lil Perit Tekniku rrizultawlu 438.67 piedi. Meta wiehed jara l-qisin flimkien mal-valuri tal-katusi taht l-art, konkos mal-katusi u katusi mal-hitan, filwaqt illi l-Espert Tekniku qed jghid illi dawn jammontaw ghal Lm2256.73, skond l-attur dawn jammontaw ghal Lm2676.10, ghalhekk jigi illi l-attur qieghed jzomm zejjed Lm419.37, ghalhekk mill-bilanc li qed jitlob l-attur ta' disa' mija disgha u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm969.50c), irrid jitnaqqas l-ammont ta' erba' mija u dsatax-il lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm419.37) u b'hekk jibqa bilanc ta' hames mija u hamsin lira Maltija u tlettax il-centezmu (Lm550.13), li huma dovuti lill-attur mill-konvenut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut fis-sens illi s-somma mhux dovuta fl-intir taghha u konsegwentement jilqa' ta-t-talba attrici kif fuq inghad u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltija u tlettax il-centezmu (Lm550.13) bl-imghax legali dekkoribbli mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------